31984R3220

20.11.1984 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 301/1

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3220/84
## tat-13 ta' Novembru 1984
## li jiddetermina l-iskala Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi tal-majjali

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tal-majjal [1], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2966/80 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 4(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi, qabel l-1 ta' Awissu ta' kull sena, għandu jiġi ffissat prezz bażiku għall-majjali maqtula ta' kwalità standard definita b'referenza għal skala Komunitarja għall-klassifika l-karkassi tal-majjali;

Billi għalhekk hu neċessarju li jiġu stabbiliti regoli ġenerali biex jassiguraw klassifika uniformi tal-karkassi tal-majjali, b'mod partikolari sabiex produtturi jiġu garantiti pagament ġust ibbażat fuq il-piż u l-komposizzjoni tal-majjali li jkunu kkunsinnaw lill-biċċeriji; billi din il-klassifika hija maħsuba wkoll biex tagħmel is-suq aktar trasparenti fir-rigward tal-kummerċ fil-karkassi tal-majjali;

Billi l-valur ta' karkassa tal-majjali hija stabbilita l-aktar fuq il-kontenut ta' laħam dgħif imqabbel mal-piż tiegħu; billi stima tal-kontenut ta' laħam dgħif fuq il-bażi ta' konsiderazzjoni oġġettiva tal-piż tal-karkassa u l-ħxuna tax-xaħam tad-dahar flimkien ma' stima suġġettiva ta' l-iżvilupp tal-muskoli fil-partijiet ewlenin tal-karkassa jistgħu jipprovdu stima tajba ta' dan il-valur; billi, madankollu, l-element suġġettiv rappreżentat mill-istima ta' żvilupp tal-muskoli tista' twassal ukoll għal varjetajiet kbar fl-istimi; billi, għalhekk, hu neċessarju li jiġi introdott fil-Komunità kollha l-prinċipju ta' stabbilizazzjoni diretta tal-perċentwali ta' laħam dgħif, fuq il-bażi ta' kejl oġġettiv ta' parti anatomika waħda jew tal-karkassa tal-majjal, mingħajr madankollu ma' tiġi eskluża l-possibiltà ta' kriterji oħra għad-determinazzjoni tal-valur kummerċjali tiegħu;

Billi l-preżentazzjoni, il-piż u l-kontenut ta' laħam dgħif tal-karkassa għandom jeħtieġu li jiġu definiti bir-reqqa biex jiġi żgurat li r-riżultati ta' l-istima huma paragunabbli;

Billi, mogħtija d-differenzi fil-produzzjoni tal-majjali fil-Komunità, il-karkassi tal-majjal għandhom jinqasmu skond il-kontenut tal-laħam dgħif tagħhom f'ħames klassijiet kummerċjali, kull wieħed ikopri firxa ta' 5 % ta' laħam dgħif; billi l-Istati Membri għandhom madankollu jingħataw l-għażla li tiżdied klassi żejda għal karkassi b'perċentwali għolja ta' laħam dgħif;

Billi sistema ta' monitoraġġ għandha tiġi stabbilita sabiex jiġi assigurat li l-metodi għall-istima tal-perċentwali ta' laħam dgħif huma applikati b'mod korrett; billi, f'addizzjoni, it-trasparenza tas-suq għandha titjieb billi l-karkassi jkunu meħtieġa jiġu mmarkati skond il-kontenut tal-laħam dgħif tagħhom;

Billi, sabiex jiġu stabbiliti stimi għal karkassi tal-majjali fuq bażi komuni u sabiex ikunu paragunabbli mal-prezz bażiku validu għall-kwalità standard, l-iskala tal-Komunità għandha tintuża b'mod partikolari sabiex jiġi ddeterminat il-prezz medju għal-karkassi tal-majjal imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75;

Billi, minħabba l-emendi msemmija aktar 'il fuq, ir-regoli kollha li japplikaw għandhom jiġu kkonsolidati u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2760/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 li jistabbilixxi l-iskala tal-Komunità għall-klassifika ta' karkassi tal-majjal [3] għandu għalhekk jitħassar;

---

[1] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 1.
[2] ĠU L 307, tat-18.11.1980, p. 5.
[3] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 10.

Billi, madankollu, minħabba l-varjetà ta' strutturi u prattiċi tal-biċċeriji, mhuwiex possibli li jiġi pprovdut għal implimentazzjoni simultanja l-ħin kollu madwar il-Komunità ta' l-iskala ġdida għall-klassifika ta' karkassi tal-majjal; billi huwa għalhekk neċessarju li xi Stati Membri jissuktaw, waqt perjodu transitorju, japplikaw il-metodu għall-klassifika ta' karkassi tal-majjal stabbilit fir-Regolament (KEE) Nru 2760/75,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-iskala Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi tal-majjali għajr dawk li ntużaw għat-tnissil.

2. L-iskala msemmija fil-paragrafu 1 ta' fuq għandha tintuża mill-biċċeriji kollha biex jiġu klassifikati l-karkassi kollha sabiex il-produtturi jkunu jistgħu jirċievu pagament ġust ibbażat fuq il-piż u l-komposizzjoni tal-majjali li jkunu kkunsinnaw lill-biċċerija.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jagħmlux l-applikazzjoni ta' din l-iskala obbligatorja:

— fi stabbilimenti tal-biċċerija li għalihom stabbilew numru massimu ta' qatliet; dan in-numru ma jistax jeċċedi 200 majjal fil-ġimgħa fuq bażi ta' medja għal kull sena,

— fi stabbilimenti tal-biċċerija li joqtlu biss majjali mwielda u mħaxxna fl-istess stabbilimenti fejn twieldu u li jqattgħu il-karkassi kollha miksuba.

F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom, u jispeċifikaw l-akbar numru ta' qatliet permessi f'kull wieħed mill-istabbilimenti tal-qtil li huma eżenti milli japplikaw l-iskala Komunitarja.

*L-Artikolu 2*

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, "karkassa tal-majjal" għandha tfisser il-ġisem ta' majjal maqtul, mingħajr demm u mingħajr intestini, sħiħ jew maqsum 'l isfel fil-linja tan-nofs, mingħajr ilsien, lanżit, qawqaba u organi ġenitali, iżda bix-xaħam miftuħ, kliewi u diaframma.

Fir-rigward ta' majjali maqtula fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jkunu awtorizzati jipprovdu għal preżentazzjoni differenti ta' karkassi tal-majjali:

— jekk il-prattika kummerċjali normali fit-territorju tagħhom hija differenti mill-preżentazzjoni standard definita fl-ewwel subparagrafu, jew

— jekk il-ħtiġiet tekniċi jiġġustifikawha.

2. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, il-piż għandu japplika għall-karkassa kiesha ppreżentata skond ma hu mfisser fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.

Il-karkassa għandha tintiżen malajr kemm jista' jkun wara l-qtil u mhux aktar minn 45 minuta wara li twaħħal il-majjal. Il-piż tal-karkassa kiesha għandu jiġi kkalkulat bl-applikazzjoni ta' koeffiċjent ta' konverżjoni għar-riżultat miksub.

Jekk, f'xi biċċerija, ġeneralment ma jistax jiġi osservat il-perjodu ta' 45 minuta, il-koeffiċjent tal-konverżjoni msemmi fit-tieni subparagrafu għandu jiġi aġġustat skond il-każ.

3. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, il-kontenut ta' laħam dgħif ta' karkassa tal-majjal għandu jkun ir-relazzjoni bejn:

— il-piż totali tal-muskoli bi strixxi ħomor miksuba b'disezzjoni totali tal-karkassa, basta li jistgħu jiġu sseparati b'sikkina, u

— il-piż tal-karkassa.

Il-kontenut tal-laħam dgħif għandu jiġi stmat permezz ta' metodi ta' klassifika awtorizzati. Biss metodi ta' stima ppruvati statistikament ibbażati fuq il-qies fiżiku ta' waħda jew aktar tal-partijiet anatomiċi tal-karkassa tal-majjal jistgħu jiġu awtorizzati. L-awtorizzazzjoni ta' metodi ta' klassifika għandha tkun soġġetta fuq konformità b' tolleranza massima għal żball statistiku flistima.

*L-Artikolu 3*

1. Il-karkassi tal-majjal għandhom jiġu klassifikati fil-ħin ta' l-użin skond il-kontenut ta' laħam dgħif stmat tagħhom.

Il-valur kummerċjali tal-karkassi m'għandux, madankollu jiġi stabbilit biss mill-kontent ta' laħam dgħif tagħhom.

2. Għandha tapplika l-iskala ta' klassifika li ġejja:

| Laħam dgħif bħala perċentwali ta' piż tal-karkassa | Klassi |
|---|---|
| 55 jew aktar | E |
| 50 jew aktar iżda anqas minn 55 | U |
| 45 jew aktar iżda anqas minn 50 | R |
| 40 jew aktar iżda anqas minn 45 | O |
| anqas minn 40 | P |

3. Wara li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi tal-produzzjoni tagħhom tal-laħam tal-majjal, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu, għal majjali maqtula fit-territorju tagħhom, klassi separata ta' 60 % jew aktar ta' laħam dgħif muri bl-ittra S. Meta l-Istati Membri jagħmlu użu minn din l-għażla, għandhom jinnotifikaw b'dan lill-Kummissjoni.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma jeskludux, fir-rigward ta' majjali maqtula fit-territorju ta' Stat Membru, l-użu ta' kriterji ta' stima b'żieda mal-piż u l-kontenut ta' laħam dgħif li jkun stmat.

*L-Artikolu 4*

1. Immedjatament wara l-klassifika, il-karkassi tal-majjali għandhom jiġu mmarkati skond l-isem tal-klassi prevista fl-Artikolu 3 jew skond il-kontenut ta' laħam dgħif tagħhom li jkun stmat, basta li l-immarkar imsemmi fl-aħħar jippermetti li l-karkassi jitqiegħdu fil-klassijiet previsti fl-Artikolu 3.

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, id-dettalji tal-piż tal-karkassa u kull dettal ieħor ikkunsidrat approprjat jistgħu jiġu mmarkati fuq il-karkassa.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li l-karkassi tal-majjali m'għandhomx jiġu mmarkati jekk isir reġistru uffiċjali li jinkludi għal kull karkassa mill-anqas:

— identifikazzjoni,

— piż meta sħun;

— stima tal-kontenut ta' laħam dgħif.

Dan ir-reġistru għandu jinżamm għal erba' ġimgħat u, fil-jum meta jitfassal, jiġi attestat bħala ċertifikat oriġinali veru minn persuna li tkun ingħatat dan ix-xogħol ta' verifika.

Madankollu, sabiex jinbiegħu mingħajr ma jkunu maqtugħin fi Stat Membru ieħor, il-karkassi għandhom jiġu mmarkati skond id-deskrizzjoni approprjata ta' klassi, kif previst fl-Artikolu 3, jew skond il-perċentwali li jesprimi l-kontenut ta' laħam dgħif tagħhom.

3. Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 2(1) ma jista' jitneħħa ebda xaħam, muskolu jew tessut mill-karkassa qabel ma tintiżen, tiġi klassifikata u mmarkata.

*L-Artikolu 5*

1. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu ma' l-Artikolu 2, u li jikkonċernaw:

— il-konverżjoni ta' preżentazzjonijiet differenti fil-preżentazzjoni standard tal-karkassa,

— il-konverżjoni tal-piż tal-karkassa sħuna għall-piż tal-karkassa kiesħa, u

— il-kondizzjonijiet biex jiġu awtorizzati metodi ta' klassifika

għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75.

2. L-awtorizzazzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 2(1) u fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 2(3) għandhom jingħataw skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75.

*L-Artikolu 6*

Ir-Regolament (KEE) Nru 2760/75 hu hawnhekk mħassar.

Madankollu, sal-31 ta' Diċembru 1988, l-Istati Membri jistgħu jibqgħu japplikaw l-iskala għall-klassifika tal-karkassi tal-majjal stabbilita fir-Regolament imsemmi fl-ewwel paragrafu minflok l-iskala stabbilita f'dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 7*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1985.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' Novembru 1984.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. DEASY